**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 93/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mark Anthony Portelli**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Mark Anthony Portelli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535880M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta tas-19:30pm ġewwa dawn il-gzejjer:

1. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Josef Spiteri.
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel uzu ieħor mhux xieraq bih.
3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS 2379, uffiċjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkel jew indaħal lill-imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-24 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat ħati għal dak li jirrigwarda it-tielet imputazzjoni stante li ma rriżultatx, filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, u kkundanatu għal multa ta' sebgħin Ewro oltre li rabtet lill-imputat b'garanzija personali ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta milli jkellem jew javviċina lil Josef Spiteri għal perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza taħt penali ta' €800.

Rat ir-rikors tal-appellant, Mark Anthony Portelli, ppreżentat fis-7 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tikkonferma l-parti tas-sentenza appellata tal-21 ta Frar 2023 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Anthony Portelli" fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu mhux ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih.
2. Tirrevoka l-parti tal-istess sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni mputazzjoni dedotti kontrih u fejn ukoll rabtitu b'garanzija personali ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta milli jkellem jew javviċina lil Josef Spiteri għal perijodu ta' sena taħt penali ta' €800.
3. Mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena iktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Josef Spiteri u semgħet il-*voice messages* in kwistjoni.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel ma tinoltra ruħha fl-eżami tal-aggravji ta' dan l-appell marbuta mal-mertu, l-Qorti hija tal-fehma illi għandu jkun indirizżat ir-raba aggravju mressaq mill-appellant fejn huwa jqanqal il-preġudizzjali dwar n-nullita' tas-sentenza appellata u dan meta jikkontendi illi d-data indikata fuq is-sentenza miktuba *di proprio pugno* mill-Maġistrat iġġib data differenti minn dik meta effettivament ingħatat. Huwa jisħaq li l-istess sentenza filfatt ma ingħatatx nhar il-21 ta' Frar 2023, hekk kif hemm stampat wara is-sentenza mitkuba mill-Maġistrat, iżda din ġiet ippronunzjata fl-24 ta' Frar 2023.

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali ***l-Pulizija vs Albert Bezzina*** deċiża fil-25 ta' Lulju 1994 intqal :

> **"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."**

Illi minn analiżi tas-sentenza li hija inserita in atti jirriżulta illi kien hemm aderenza sħiħa mar-rekwiziti kollha imfassal fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. *In oltre*, id-data li ġġib is-sentenza impunjata hija propju dik tal-24 ta' Frar 2023, li hija l-istess data riflessa fil-verbal tal-Ewwel Qorti ta' l-istess jum li jindika ċar u tond li s-sentenza kienet ippronunzjata proprju dakinhar tal-24 ta' Frar 2023. Kwindi immaterjalment mid-data ttimbrata li tinsab fuq in-naħa ta' wara taċ-ċitazzjoni fejn id-*deċide* inkiteb, kif ingħad, mill-Maġistrat, madanakollu s-sentenza inserita fl-atti li tagħmel stat bejn il-partijiet u li hemm *a folio* 12 *et sequitur* tal-Atti Proċesswali ma tippekka bl-ebda mod minn xi difett li jista' jġib in-nullita', bis-sentenza fiha mhux biss il-firma tal-Maġistrat, iżda ukoll dik tad-Deputat reġistratur.

Għaldaqstant, dan l-aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, jifdal biex jkunu ikkunsidrati l-ewwel u it-tieni aggravji mqanqla mill-appellant li jikkonċernaw l-

apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha u ma setgħet qatt issibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u dana primarjament għaliex huwa qatt ma hedded, insulenta jew inġurja lill-parte ċivile Josef Spiteri.

Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi l-appellant kien misjub ħati mill-Ewwel Qorti tar-reat imfassal fl-Artikoli 339(1)(e) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe li nhar it-12 t'Ottubru 2021, għall-ħabta tad-19:00hrs, huwa insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Josef Spiteri u dan wara diżgwid li nqala' bejn Spiteri u l-appellant dwar ħlas ta' zewġ *invoices* marbuta ma' xi xogħolijiet li Spiteri kien għamel għall-appellant u li dan tal-aħħar ma kienx ħallas. Spiteri fakkar lill-appellant b'din il-pendenza permezz *voice message* u talbu spjegazzjoni wara in-nuqqas minn naħa tiegħu li jwieġeb it-telefonati u l-messaggi li kien qed jibagħtlu. Igħidlu hekk Spiteri lill-appellant:

> **"Jien ma nafx ghalfejn qed nipprova ncempilek u ma twegbux, issa jiena sal-gimgha d- diehla irrid nithallas ta' dawk iz- zewg invoices, ma nafx, ma nafx jekk hux minhabba hekk ma tridx, m' intiex twiegeb il- mobile. M' iniex qed niehu pjacir ....................wahda minnhom ilha 102, 102 days u l- ohra ilha fuq 90, ghalqet 90 days illum. Tajt, tajtkom cans bizzejjed, dawk hrigt il- flus minn, minn buti jiena. Xtrajt, xtrajt sitt, sitt, sitt water heaters hemm hekk. ...........................u hallast il- haddiema u kollox. It' s unfair. Ghidli jekk hemm, jekk hemm it- trouble fuqhom il- bicca tax- xoghol halli fil- kaz ghax, ha mur ghand il- pulizija nkella."**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, sussegwentement, l-appellant irrisponda fejn staqsa lil Spiteri meta kien li ċempillu, u Spiteri wieġeb:–

> **"Sal-bierah stess cempiltlek Mark, nhar is- Sibt nibghatlek biex nista ncempilek ghedtlek x' hin tipparkja cempilli. Come on u ejja, mela m' ahniex tfal ta Mark."**

Illi, wara dan il-messaġġ, l-appellant, tramite' *voice messagge* ieħor, infexx f'litanija ta' kliem ħażin konsistenti f'dagħa fil-konfront ta' Spiteri:–

> **"Tibda titkellem, x' jaqsam m' ahniex tfal, alright oqghod attent kif tkellimni ta, wara haqq A*** tajtek ix- xoghol kollu, issa nhallsek alright, u insih haqq A*** lil Robert, jekk irid lil Robert nkellmu jiena, x' affarijiet dawn. Mela haqq ghal M******, hsibt li qed titkellem, haqq ghal M****** mat- tfal zghar jew, haqq ghal M******, x' prosit dak. Mur haqq ghal M******, ghand il- pulizija u naraw min johrog ta ragel."**

Illi, Spiteri rrisponda:

> **" L-ewwel nies toqghodx tidghi ghamili pjacir, ghax jekk, ghax jekk trid toqghod tidghi jien naf nidghi iktar minnek no.1, u t- tieni bicca xoghol jien kull m' ghedtlek jien xoghol ghandi kemm irrid hu mhux, mhux problema u m' inhiex haqq' A*** bzonnok ghax- xoghol, qed nitkarrab ghalik ghax- xoghol. Imma ghall- inqas tax- xoghol, tax- xoghol li ghamilt ghandi nithallas jiena. X' jiswa, x' jiswa li ttini x- xoghol u ma nithallasx jiena. Jiena familja ghandi ta."**

Illi, l-appellant reġa wieġeb:-

> **"Alright issa aqtaghha haqq ghal M****** naf li taf tidghi anke jien naf nidghi, issa alright. Issa se nibghathomlok il- flus u hudu f*** kemm ghandek. Caw."**

Illi, dina l-Qorti tisħaq li huwa minnu li l-appellant ma heddidtx lil Spiteri madanakollu ċertament li bil-kliem vulgari u oxxen tiegħu insulenta lill-istess Spiteri. Infatti, huwa ċar li kliem l-appellant dejjaq u offenda lil Spiteri, tant illi saħansitra dan ħass il-ħtieġa li jirraporta l-akkadut lill-Pulizija. Għaldaqstant, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta li kliem l-appellant dejjaq, ivvessa u offenda lil Josef Spiteri, u għaldaqstant, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-rigward l-ewwel imputazzjoni kontravvenzjonali dedotta kontrih.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant kien misjub ħati ukoll mill-Ewwel Qorti tar-reat dwar użu ħazin ta' apparat ta' telekomunikazzjoni ikkontemplat fl-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi:-

> **Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –**
>
> **(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat...**

Illi, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francine Cini" [2]" ġie ritenut li –

> **"uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haġa taħt il-kappa tax-xemx, magħduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta ta' theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti. It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' ħsara inġusta.**

Illi, *in oltre*, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dr Alfred Grech"[3]9 gie kkunsidrat li:-

> **"... Meta fil-pargrafru 'c ' jinghad li " jghamel uzu mhux xieraq' ( sottolinear ta' Qorti) isegwi li dik id-disposizzjoni titratta minn ghemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola *euisdem generis*, huwa ghemil iehor li jittrasmetti lil haddiehor messaġġ li jaghmel hsara, idejjaq, jivvessa jew joffendi lil haddiehor u ghaldaqstant ma hux ghemil xieraq. Anki jekk ghalhekk il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bhala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu 'c ' imsemmi in kwantu huma messaggi li tal-inqas idejqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejqu, u vvessaw u offendew 'l min ircevihom. Din hi l konsegwenza tal applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* ghall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu 'c' imsemmi..."**

Illi, dina l-Qorti hija moralment konvinta li l-persuna li bagħtet il-*voice messages* relattivi lil Josef Spiteri kien l-appellant, tant li qatt ma kien hemm kontestazzjoni fir-rigward. *In oltre*, huwa ċar li l-kliem li qal l-appellant lill-parti leza fil-*voice message*

[2] Deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Lulju 2017.
[3] Deċiza mil-Qorti tal Appelli Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2013.

tiegħu kienu tali li ttrasmettewlu messaġġ li għamillu ħsara, dejjquh, ivvessawh jew offendewh u għaldaqstant, dak l-għemil tal-appellant, ai termini tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa meqjus bħala "*għemil mhux xieraq*". Jikkonsegwi għalhekk illi anke fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolament issib il-ħtija fl-appellant. Għal dawn il-motivi suesposti, l-ewwel u t-tieni aggravji mressqa mill-appellant qed jigu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' multa ta' €70 u garanzija personali għal perijodu ta' sena fit-termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, fejn l-appellant jilmenta li din il-piena hija ferm eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[4]

Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta'l-appellant kienet waħda fil-parametri tal-liġi kif ukoll waħda legalment u raġonevolment valida u ċertament mhux eċċessiva, u dan meta il-piena għar-reat ikkontemplat fil-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik tal-multa fejn il-massimu jlaħħaq il-€25,000. Illi, għalhekk, dina l-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kalibrazzjoni tal-piena. Għaldaqstant anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

---

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**Edwina Grima**

**Imħallef**